MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2007

Avviz Numru. 168/2007

**l-Kumpanija C & H Bartoli Ltd.**
**Vs**
**Sovereign Caterers Ltd (C 28364) u Ronald Azzopardi.**

**Il-Qorti:-**

Rat illi is-socjeta attrici pprezentat rikors fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar id-disgha w ghoxrin ta’ Settembru 2006 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta’ elfejn disa’ mija u tmenin lira u sitt centezmi Maltin (LM2980.06) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta’ *catering equipment* mibjugh lis-socjeta konvenuta Sovereign Caterers Ltd. skond id-dokument ‘X’ anness mar-rikors promotur u kkonsenjat fuq istruzzjonijiet taghha fil-fond La Piazza Bar & Restaurant, Rabat u ghall-hlas taghha l-konvenut Ronald Azzopardi kkostitwixxa ruhu garanti solidali kif jidher mill-kopja tal-Credit application form, paragrafu 6 annessa mar-rikors u markat bhala dokument Y.

Bl-ispejjes  u bl-imghax.

Rat illi l-konvenuti kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni nhar l-hamsa w ghoxrin (25) ta’ lulju 2007 skond ir-riferti tal-Marixxal J.T. Farrugia.

Rat illi fis-seduta tat-tmintax ta’ Settembru 2007 l-konvenuti gew imsejha izda ma dehrux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Rat in-nota’ ta riduzzjoni prezentata fis-seduta tat-tmintax ta’ Settmebru fejn l-istess socjeta attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ hames mija u tmenin lira sitt centezmi Maltin (LM580.06).

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha  tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallus lis-socjeta attrici is-somma ta’ hames mija u tmein lira u sitt centezmi maltin (LM508.06) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------